**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum il-Ġimgħa, wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2025

Kawża Nru 211/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

vs

**Ludovico Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **<u>Ludovico Azzopardi</u>**, iben Salvino u Carmela nee Saliba, imwieled ir-Rabat, Għawdex nhar it-tlettax (13) ta' Diċembru 1947 u residenti "Sacro Cuor", Triq Anton Mallia, Rabat, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 102847(G) talli nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu 2023,

għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15:30hrs) fl-inħawi tal-Fanal tal-Ġordan, Għasri, Għawdex kif ukoll f'postijiet oħra ġewwa l-Gżejjer Maltin:

(1) ħa jew ipprova jieħu xi għasfur, matul l-istaġun magħluq;[1]

(2) u aktar talli kkaċċja jew prova jikkaċċja, ħa jew prova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha;[2]

(3) u aktar talli fl-istess lok, data, ħin kien qiegħed jagħmel użu minn xbieki.[3]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija tordna s-sospensjoni jew r-revoka ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu applikabbli.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba ukoll li barra li tagħti l-piena, ai termini tal-artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-

[1] Regolament 18(1)(c) L.S. 549.42
[2] Regolament 4(1)(a) L.S. 549.42
[3] Regolament 7(1)(e) L.S. 549.42

Artikolu 11(3) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Ġunju 2024, il-Prosekuzzjoni u d-Difiża eżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' x-xhieda prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jerġgħu jiġu sottomessi d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura inkluż wkoll ix-xhieda li iddeponew quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu 2023 għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15:30hrs), il-Pulizija tar-*Rapid Intervention Unit* marru fl-għelieqi fl-inħawi ta' Taħt il-Fanal ta' Ġordan, limiti tal-Għasri. Dan minħabba li kienu għadhom kemm ġew infurmati min-naħa ta' membri tal-*Committee Against Bird Slaughter* (CABS) li kienu innutaw persuna jonsob illegalment waqt staġun magħluq.

Craig Michael Redmond wassal lill-Pulizija fuq il-post fejn kien hemm mansab armat. Il-Pulizija pero ma sabux gaġġeġ u lanqas għasafar. Huma għalhekk

żarmaw ix-xbieki flimkien ma' xi pajpijiet, elevawhom u ħaduhom l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex.

Il-Pulizija inġibditilhom l-attenzjoni li fuq il-post kien hemm persuna ta' sess maskili u li x'aktarx dan kien mistoħbi ġo kamra li kien hemm fl-għalqa konċernata. Il-Pulizija sabu l-kamra msakkra u ma rrisponda ħadd. Il-membri tal-CABS infurmaw lill-Pulizija li kellhom suspett li l-vettura tal-għamla Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni ABO 868 li kienet ipparkjata fejn l-għalqa setgħet kienet tas-suspettat. Madanakollu sakemm il-Pulizija kienu fuq il-post, ma resaq ħadd viċin din il-karozza. Allura ma kienx hemm ċertezza dwar il-fatt jekk din il-vettura kinitx tas-suspettat jew le.

L-għada u ċioe fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu 2023 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18.30hrs), il-Pulizija reġgħu marru fuq il-post fejn ma sabu lil ħadd u lanqas ma kien hemm vetturi fil-qrib.

Mill-filmati preżentati lill-Pulizija mill-membri tal-CABS, deher raġel qed iżarma gaġġa b'għasfur fiha u jitfa' xi forma ta' apparat fil-but suspettat li kien bird caller. Din il-persuna anke dehret tiftaħ il-vettura ABO 868. Fl-istess filmat, ir-raġel deher jistaħba fil-ħaxix għoli li kien jinsab fejn il-kamra u kien għalhekk li l-Pulizija ma sabuhx.

Minn indaġini li għamlu l-Pulizija rriżulta li sid il-vettura kien ċertu Ludovico Azzopardi. Huwa ġie mitlub li jattendi l-Għassa tal-Pulizija u wara li ingħatawlu d-drittijiet tiegħu, huwa talab li jkun assistit mill-Avukat tal-fiduċja tiegħu. Meta

eventwalment huwa ġie mitkellem fil-presenza tal-Avukat, huwa għażel id-dritt li jibqa' sieket.

**Ikkunsidrat;**

Mill-provi prodotti huwa ċar li dakinhar tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu 2023, kien hemm raġel f'għalqa li deher li kellu xi għasafar f'gaġġa. Il-Pulizija fl-affidavits tagħhom speċifikaw wkoll li kien hemm xi xbieki fl-istess għalqa. Id-difiża pero qed targumenta li f'dawn il-proċeduri ma saritx prova adegwata li tikkonferma li l-akkużat kien ir-raġel li kien fis-sit dakinhar u li deher fl-istess filmati.

L-unika xhud li jipprova jagħti identifikazzjoni tal-akkużat huwa biss Craig Michael Redmond. Dan għar-raġuni li apparti l-Pulizija huwa biss xehed f'dawn il-proċeduri. Il-Pulizija li marru fuq il-post u ċioe PC 577 Mark Grech u PC 53 Stefan Spiteri ma sabu lil ħadd fuq il-post u allura ma kinux fil-posizzjoni li jidentifikaw is-suspettat. PS 364 Borg Grima li wkoll xehed f'dawn il-proċeduri lanqas biss mar fuq il-post dakinhar li ġie rappurtat il-każ. Mar biss l-għada. Dan għalhekk lanqas ma kien fil-posizzjoni li jidentifika lil ħadd. Minbarra Redmond dakinhar tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu kien hemm preżenti wkoll Patricia Molina Garcia. Kienet din li skont ix-xhieda ta' Redmond kienet qed tiġbed il-filmati esebiti. Għalkemm il-Qorti għal darba darbtejn tat opportunita lil Patricia Molina Garcia sabiex tixhed f'dawn il-proċeduri u saħansitra wkoll tatha il-fakolta sabiex tixhed virtwalment peress li hija tidher fl-esteru, hija ma kinitx preżenti sabiex tagħti x-xhieda tagħha. Fil-fatt hija ma dehritx la għas-seduta tal-ewwel (1) ta' Diċembru 2023 u lanqas dehret għas-seduta tat-tmintax (18) ta' Ġunju 2024.

Din il-Qorti ma tqisx li hija tista' toqgħod fuq l-identifikazzjoni tal-akkużat li saret minn Craig Redmond waqt li dan tal-aħħar kien qed jixhed. Ibda biex Redmond kien qed jixhed virtwalment u lill-akkużat ma rahx fiżikament iżda permezz tal-camera. Aktar importanti minn hekk, għalkemm Redmond qal li l-akkużat kien jixbah lill-persuna li kien ra fuq il-post dakinhar tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu 2023, din il-Qorti tinnota li l-kliem li uża l-istess xhud **ma kienx jindika ċertezza dwar din l-identita**. Infatti Redmond speċifika kif kienet il-kollega tiegħu Molina Garcia li kienet aktar fil-posizzjoni li tikkonferma l-identita peress li hija kienet qed tieħu l-video. Ikun opportun li jiġi kwotat il-bran relattiv mix-xhieda ta' Craig Redmond:

> *"If you can make the camera to the left I could see the gentleman with the glasses standing up! Yes, that* ***appears to me*** *to be the man that I so and as I said, yes I would say that was the gentleman standing with the glasses. My colleague Patricia was the one who,* ***as I say it observed him more*** *because I went off to meet the police and take them on site, but from my recollection* ***it does look like him****."*[4] *(Enfażi tal-Qorti)*

Mill-filmati esebiti li l-Qorti rat, il-membri tal-CABS kienu qegħdin f'distanza pjuttost 'l bogħod li jagħmilha pjuttost diffiċli biex minn daqshekk distanza *ad occhio nudo* tiġi identifikat persuna. Trid tintuża lenti jew xi forma ta' apparat

[4] Fol. 48 tal-proċess.

apposta: dan l-apparat kien qed jintuża minn Patricia Molina Garcia li kif ingħad ma xehditx f'dawn il-proċeduri. Molina Garcia kienet xhud essenzjali f'dan ir-rigward. Madanakollu kif ingħad minkejja li ingħatat l-opportunita biex tixhed, ix-xhud baqgħet ma dehritx. Irid jittieħed wkoll kunsiderazzjoni tal-fatt li Redmond allontana ruħu minn fuq il-post biex mar fil-Pjazza tal-Għasri biex jiltaqa' mal-Pulizija. Għalhekk Remond ma kienx preżenti l-ħin kollu waqt il-ġbid tal-filmati. Kienet biss Molina Garcia li kienet preżenti l-ħin kollu.

Il-Qorti setgħet tinnota wkoll li mill-filmati esebiti, ir-raġel in kwistjoni kien qed jistaħba fil-ħaxix waqt li l-Pulizija kienu qegħdin fis-sit. Dan joħroġ mill-aħħar ritratt tar-rapport li jinsab fuq ic-CD esebit. Il-membru tal-CABS kienet qed tara dan kollu għax kienet propju għadha qed tiffilmja u kienet propju f'*vantage point*, kif sewwasew jikkonfermaw l-istess filmati. Kienet għalhekk konxja tal-posizzjoni tas-suspettat u kienet qed issegwi l-movimenti kollha tiegħu waqt li l-Pulizija kienu qegħdin biss ftit metri 'l bogħod minnu. Wieħed isaqsi għalhekk għal-liema raġuni, l-istess membri tal-CABS ma indikawx lill-Pulizija dak il-ħin stess il-posizzjoni eżatta tas-suspettat sabiex dan seta' jinqabad mill-Pulizija. Il-Qorti tqis li dawn il-membri setgħu faċilment għamlu dan, aktar u aktar meta kienu qegħdin tnejn min-nies. Li kieku sar hekk, dan ma kien iħalli l-ebda dubju dwar l-identita tal-akkużat.

Minbarra s-suespost, din il-Qorti tqis wkoll li l-każ tal-Prosekuzzjoni ifalli fuq binarji oħra:

(1) fl-ewwel lok f'dawn il-proċeduri ma saritx il-prova li dakinhar tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu 2023, l-istaġun tal-insib kien magħluq. Normalment fi proċeduri ta' dan it-tip jittella' rappreżentant tal-*Wild Bird Regulations Unit (WBRU)* biex jikkonferma jekk l-istaġun kienx magħluq jew le;

(2) ma saritx il-prova dwar fuq min huwa reġistrat il-mansab li ġie indikat mill-CABS fir-rapport tagħhom. Normalment fi proċeduri simili wkoll jixhed rappreżentant tal-WBRU biex jagħti din l-informazzjoni. Din kienet tkun prova ċirkustanzjali importanti;

(3) il-Prosekuzzjoni naqset wkoll li tressaq prova dwar min hu s-sid reġistrat tal-vettura li instabet fuq il-post. Għalkemm fl-affidavit ta' PS 364 David Borg Grima qed jingħad li din il-vettura qiegħda fuq isem l-akkużat, ma ġie prodott l-ebda rappreżentant ta' Transport Malta – l-entita responsabbli – sabiex jkun hemm konferma dwar min hu sid din il-vettura. Din il-prova setgħet faċilment tinġab inkluż b'affidavit u kienet wkoll tkun prova ċirkustanzjali important;

(4) setgħet tinġab wkoll bħala prova l-localisation tan-numru tal-mobile tal-akkużat għal dakinhar sabiex jiġi konfermat jekk l-akkużat kienx f'dawk l-inħawi. Din il-prova ma inġabitx lanqas;

(5) minkejja li l-Pulizija jgħidu li elevaw ix-xbieki, dawn ix-xbieki baqgħu qatt ma ġew preżentati bħala prova f'dawn il-proċeduri. Għal darba oħra, din

kienet prova li setgħet faċilment tinġab mill-Prosekuzzjoni, aktar u aktar meta dawn ix-xbieki kienu fil-pussess tal-Pulizija;

(6) fl-aħħar nett wkoll il-persuna li ħadet il-filmati li ġew esebiti u ċioe Patricia Molina Garcia baqgħet ma xehditx u ma ikkonfermatx il-filmati meħuda minnha. Dan minkejja li kif ingħad hija ingħatat żewġ opportunitajiet biex tixhed u ingħatat anke l-possibilita li tixhed virtwalment.

Il-Qorti għalhekk fiċ-ċirkostanzi ma tqisx li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mil-liġi sabiex tabbina lill-akkużat mal-akkadut u għalhekk il-Qorti hija kostretta li tillibera lill-istess akkużat peress li d-dubju għandu jmur favur l-istess akkużat.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati</u>** tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur